# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 15 ta' Lulju 2022**

**Rikors numru: 11/2022 BS**

**RK**

**-vs-**

**JK**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ta' RK illi ppremettiet:**

1. Illi hija żżewwġet lill-intimat JK fil-ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000);

2. Illi l-partijiet sseparaw legalment minn ma' xulxin *ai termini* ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009), hawn anness bħala dokument 'A';

3. Illi minn dakinhar sal-lum il-partijiet qatt ma reġgħu rrikonċiljaw u dejjem għexu separatament;

4. Illi l-partijiet huma domiċiljati u jgħixu f'Għawdex;

5. Illi r-rikorrent trid li dan iż-żwieġ jiġi maħlul permezz ta' divorzju li għandu jiġi ppronunzjat minn din l-Onorabbli Qorti. Hi trid ukoll li terġa' tirriverti għal kunjom xbubitha ċjoè 'Cordina'.

**Talbet lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti u tiddikjara bħala maħlul iż-żwieġ ċelebrat bejn il-kontendenti fil-ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000);

2. Tordna lir-Reġistratur tagħha sabiex entro terminu ffissat minnha jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Malta bid-deċiżjoni tagħha *ai termini* tas-subinċiz erbgħa (4) tal-Artikolu sitta u sittin, ittra 'A' (66A) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu XVI) tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tordna illi l-attriċi terġa' tirriverti għal kunjom xbubitha ċjoè 'Cordina'.

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-intimat minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' JK illi eċċepixxa:**

1. Illi bejn il-partijiet ġa hemm ġudikat ta' divorzju mogħti minn Qorti fi Slovakkja fis-sena 2010, kif jirriżulta mill-anness dokument 'A', u dak il-ġudikat japplika għal hawn Malta bis-saħħa ta' Regolament EC 1347/2000. M'hemmx

lok għalhekk li din il-Qorti tippronunzja mill-ġdid id-divorzju bejn il-partijiet, u għaldaqstant it-talba attriċi relattiva għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż. Konsegwentement it-tieni u t-tielet talbiet li huma konsegwenzjali għall-ewwel talba għandhom jiġu miċħuda wkoll bl-ispejjeż;

2. Illi fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju għas-suespost, l-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jiġu sopportati mill-attriċi li talbet id-divorzju.

Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti fliet ir-rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi qed titlob lil din il-Qorti tippronunzja d-divorzju bejnha u bejn l-eks sieħeb tagħha.

Bil-ġurament tagħha fir-rikors imsemmi l-attriċi tikkonferma illi s-separazzjoni bejn il-partijiet ġiet konkluża permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li jġib id-data 24 ta' Lulju, 2009. Tafferma illi il-partijiet kienu ilhom għalhekk separati għal tlettax(13)-il sena u ma hemm l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni.

Il-Qorti tinnota li l-konvenut ippreżenta risposta ġuramentata u filwaqt li fis-seduta tal-1 ta Lulju, 2022 huwa rtira l-ewwel eċċezzjoni sollevata minnu ddikjara wkoll illi ma hux qed jopponi għat-talbiet attriċi. Fl-istess seduta ġibed l-attenzjoni tal-Qorti li kienet l-attriċi li talbet għad-divorzju.

Il-Qorti rat l-Artikoli 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-attur irnexxielu jissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Decide**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' t-talbiet kollha u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ta' din il-kawża jkunu a karigu tal-attriċi.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur